*Irkejjen Storiċi*

# Il-Mużew ta' l-Antikitajiet Rumani

*minn Vincent ZAMMIT*

Mhux l-ewwel darba li tkellimna dwar xi fdalijiet li jinsabu fil-Mużew ta' l-Antikitajiet Rumani li nsibu fir-Rabat, Malta. F'dan il-post hemm diversi oġġetti ferm importanti. Iżda bħalma jiġri dejjem f'kull kollezzjoni li nsibu f'Mużew, jekk wieħed ma jkunx jaf eżattament l-istorja ta' wara l-oġġett, l-esebit jitlef ftit mhux ħażin mill-importanza tiegħu.

Imxerrdin mal-Mużew kollu naraw numru ta' skrizzjonijiet interessanti. M'hux il-każ li l-lum nitkellmu u nsemmu fid-dettall l-iskrizzjonijiet li hemm f'rokna partikulari. Dawn jappartjenu perijodu ieħor, jiġifieri dak Għarbi. Ikollna ċans nitkellmu dwarhom darb'oħra.

### Skrizzjoni Nru 1 Restawr tat-tempju ta' Prosperina

Din l-iskrizzjoni tissemma għall-ewwel darba mill-istorjografu Malti Ġan Franġisk Abela, fil-ktieb tiegħu tas-sena 1647. Hu jitkellem dwar il-fatt li l-fdalijiet ta' din l-iskrizzjoni juruna li fl-inħawi ta' fejn instabet il-lapida, l-Imtarfa, kien hemm tempju dedikat lill-alla femminili Prosperina. Mill-istess skrizzjoni nafu li t-tempju kien restawrat minn ċertu Chrestion. Il-lapida nstabet fis-sena 1613 u minn dakinhar 'il hawn kien hemm diversi tentattivi biex wieħed ikun jaf aktar dwar dan it-tempju.

Id-dedikazzjoni ta' dan it-tempju lil Prosperina, jew inkella Persefone skond il-Griegi, kienet marbuta malbżonn tan-nies li jkollhom agrikultura. Wieħed jistenna li tempji dedikati lil dawn it-tip ta' allat kienu ferm importanti fiż-żmien l-antik. Għax għalkemm wieħed jitkellem dwar il-kult tal-fertilità, tajjeb li nsemmu wkoll li l-antiki kienu jemmnu u jitolbu għal kull tip ta' fertilità.

Il-fdalijiet ta' dan it-tempju nstabu fi żmien l-Ordni ta' San Ġwann. Iżda barra minhekk hemm informazzjoni li tgħidilna li parti mill-istess irħam li nstab fl-inħawi intuża fid-dekorazzjonijiet ta' faċċata ta' bini. Il-bini msemmi hu l-Berġa ta' l-Italja, li nafu li fi żmien il-Gran Mastru Gregorio Carafa kien inbena t-tieni sular u anke d-dekorazzjonijiet li naraw mal-faċċata fuq il-bieb prinċipali. Skond l-awtur, il-Konti Ciantar, jgħidilna li l-irħam użat fil-faċċata għad-dekorazzjonijiet kien inġieb mill-fdalijiet tat-tempju Ruman.

L-iskrizzjoni li naraw fil-Mużew ta' l-Antikitajiet Rumani hi interessanti għal raġunijiet diversi minn dawk li għadna kemm tajna. Għax jekk wieħed jifli sew din l-iskrizzjoni għandu jinduna li ftit huma l-kliem li wieħed jista' jgħidilhom oriġinali. Hemm wisq kliem nieqes u għalhekk l-skrizzjoni hi sempliċiment eżerċizzju li forsi hemm min jaħseb li m'huwiex eżatt.

### Skrizzjoni Nru 2 Restawr jew bini tat-tempju ta' Apollo

It-tieni skrizzjoni li nistgħu nsemmu hi dik li għandha x'taqsam ma' tempju ieħor.





*Fuqnett: Restawr jew bini tat-tempju ta' Apollo u (fuq) Lapida sepulklari ta' artal*

Din id-darba t-tempju hu dedikat lil Apollo. L-iskrizzjoni tgħid hekk (il-kliem miktubin fiċ-ċokon huma neqsin mill-iskrizzjoni oriġinali):

municIPI MELitensium
PRIMUS OMNIum
fecitITEM AEDEM
MARMOream
apoLLINIS CONSACRAV-
IT ITEM Posuit
in pRONAO COLUMNAS
IIII ET PARAstatos
ET PODIUM ET
PAVIMENTUm
colloCAVIT IN QUOD
OPUS UNIVErsum
liberaLITATE SUA HS
CXDCCXCII s(olvit) Q(ue)
ob meliTENSIUM
DESIDERIUM Omnium
statua
posita est ex aeRIS CON-
LATIONE D(ecreto) D(ecurialium)

It-tradizzjoni ta' din il-kitba tgħid li hawnhekk għandna wieħed mill-aktar persuni importanti tal-muniċipju Malti li waqqaf, jew irrestawra t-tempju ta' l-irħam dedikat lil Apollo. Barra minhekk l-iskrizzjoni tgħidilna li waqqaf l-erba' kolonni u l-pilastri tal-ġnub tal-vestibolu, kif ukoll poġġa l-paviment. Hu nefaq somma konsiderevoli, u minħabba f'hekk il-poplu Malti, wara li ngħata l-permess mill-awtoritajiet, bena din l-istatwa bħala tifkira.

Minħabba li din l-iskrizzjoni nstabet viċin il-kunvent tas-sorijiet tal-Benedittini fl-Imdina, allura hu maħsub li t-tempju kien jinsab x'imkien fl-inħawi. Tajjeb jingħad li l-iskrizzjoni tinsab fuq il-faċċata tal-bażi għal statwa.

### Skrizzjoni Nru 3 Lapida sepulklari ta' attur

It-tielet skrizzjoni li nsibu fil-Mużew ta' l-Antikitajiet Rumani hi interessanti għal diversi raġunijiet. Din hi differenti mit-tnejn l-oħra li diġà semmejna. Fil-fatt ma tikkommemora l-ebda xogħol li sar f'xi tempju. Iżda hi bħal mejda fejn isiru l-offerti tas-sagrifiċċji u fuq quddiem, apparti ċertu dekorazzjonijiet, hemm ukoll skrizzjoni funerarja.

L-iskrizzjoni hi bil-Grieg u tgħid hekk:

Iddedikata lill-allat ta'
taħt l-art
Sliem
P.... Aelius Hermolaos,
kummidjant
u daqqâq tal-lira minn
Pergamum,
għex 25 sena. Saħħa.

Minn dan il-kliem wieħed jinnota li hawnhekk qegħdin nagħtu isem ta' persuna li kien attur, u dan kemm minn ismu, kif ukoll mill-belt ta' fejn jissemma li kien ġej, juri li kien Grieg. Barra minhekk, għalkemm din l-iskrizzjoni hi datata għat-tieni seklu wara Kristu, xorta waħda tinsab miktuba bil-Grieg. L-iskrizzjoni tinsab fil-parti tan-nofs ta' dan il-monument.

Fuq in-naħa tal-lemin hemm maskra tat-teatru, filwaqt li fuq in-naħa l-oħra hemm murija l-lira. Minħabba dawn l-attribwizzjonijiet lejn it-teatru, hemm diversi teoriji dwar jekk fl-inħawi kienx hemm xi teatru Ruman. Fdalijiet ta' dan it-tip ta' bini ma nstab qatt. Iżda tajjeb ngħidu wkoll li jista' jagħti l-każ li jekk kien hemm teatru seta' kien ukoll magħmul minn injam, jew inkella xi ħaġa simili li jkun jista' jiżżarma. Minħabba f'hekk m'huwiex possibbli li wieħed jiltaqa' mal-fdalijiet tat-tempju kif insibu barra minn Malta.

Fl-iskrizzjoni niltaqgħu mal-frażi ta' l-allat ta' taħt l-art. Dawn kienu l-allat li jieħdu ħsieb lil dawk li jmutu. Dan l-attur kien ukoll daqqâq tal-lira. Dan l-istrument hu simili ħafna għall-arpa, iżda kien strument ferm iżgħar. Barra minhekk kien eħfef biex jinġarr mid-daqqâq. Ġeneralment kien jinżamm bl-id ix-xellugija u jindaqq bil-leminija. Jista' jkun li wieħed kien jakkumpanja d-daqq bil-kant ukoll.

### Skrizzjoni Nru. 4 Lapida funerarja Lhudija

L-aħħar skrizzjoni li nistgħu nsemmu u li tinsab f'dan il-Mużew hi dik Lhudija. Din hi skrizzjoni li tinsab imnaqqxa fuq ġebla kbira, u kulma tgħid hu:

Dan hu (l-qabar ta'...)
is-sinjura Rach(el), il-
mara (ta')
Yeshùa il-...
...Jalla r-ruħ tagħha
tkun marbuta fl-hena ta'
dejjem!

Għalkemm din l-iskrizzjoni m'hix kompluta, minn dawn l-erba' linji nistgħu naraw li din hi tifkira li saret minn xi ħadd tal-familja tal-mejta. Hu maħsub li din l-istess lapida kienet instabet fl-inħawi ta' l-Imtarfa, fejn kien hemm grupp ta' oqbra li minn dejjem kienu maħsuba li kienu jappartjenu lil xi komunità Lhudija.

Minn dawn il-fdalijiet li semmejna l-lum, wieħed jispera li l-fdalijiet ħadu dimensjoni differenti għal dawk kollha li jmorru jżuru dan il-Mużew.